MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2012

Numru 1269/2008

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Alfred Bugeja u Clive Agius

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 828557(M) u 187685(M) rispettivament, akkuzati talli nhar l-20 ta’ Dicembru 2008 ghal habta tat-13.15 gewwa Xatt il-Barriera, Valletta, b’diversi atti maghmulin minnhom u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda:

1. ikkommettew serq ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EAG308 tal-ghamla Citroen Berlingo kif ukoll ta’ sigaretti ta’ valur li jeccedi l-ammont ta’ 2329.37 ewro liema reat hu aggravat bil-valur u bix-xorta ta’ haga

misruqa ghad-detriment ta' Mary Ellul Sullivan detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 382138(M) f'isem il-kumpanija F.E Sullivan sitwata 17, Xatt il-Barriera, Valletta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, Alfred Bugeja u Clive Agius, assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt;
3. irrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mhassra jew mibdula.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex skont l-artikoli tal-ligi minnhu hemm citati, tiddeciedi fuq il-htija tal-imputati ghall-addebiti kontihom migjuba;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-Qorti mhux behsiebha li tghid wisq f'din il-kawza billi l-provi huma bil-wisq cari u juru univokament illi l-imputati flimkien, fil-hin li kienu ghaddejin mix-xatt, innutaw van li kellu l-bibien tieghu miftuha u iddecidew jisirquh kif effettivament ghamlu oltre li minnu serqu kaxxa kontenenti hamsin grossa sigaretti 'Malboro Lights'. Ghaldaqstant, irrendew ruhhom hatja tas-serq tal-van u s-sigaretti. M'hemm lanqas l-icken dubbju li s-serq jeccedi l-ammont ta' 2,330 ewro u ghalhekk hu aggravat bil-valur, kif ukoll hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa minhabba s-serq tal-van. Fil-kuntest tal-van jinghad li s-serq tieghu sehh billi gie spustat minn postu u mitluq ftit wara u minghajr hsara b'daqstant li s-serq tieghu jista' jigi intiz bhala mezz ghal fini. Intant, mill-provi jirrizulta li l-valur tas-sigaretti kien vicin l-elfejn ewro waqt li l-valur tal-van kien jissupera l-elfejn u tlett mitt ewro. U apparti l-provi, li jinkludu filmat li irregistra s-serqa tal-van, hemm l-istqarrijiet rispettivi taz-zewg imputati li fil-kaz odjern huma ammissibbli u jikkostitwixxu prova probatorja.

Rat l-artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279, 48A, 49, 50, 17(b)(h) tal-Kap 9.

Issibhom hatja tar-reati lilhom addebitati.

Dwar il-piena il-Qorti tghid is-segwenti: fil-konfront tal-imputat Clive Agius hi ghandha rapport tal-ufficjal tal-probation li huwa bil-ferm favorevoli u ser taddotta ir-rakkomandazzjonijiet fih; fil-konfront tal-imputat l-iehor mhiex tal-fehma li ghandha tikkundannah prigunerija ta' habs u zziedlu mal-habs li qieghed jiskonta u li ghad irid jiskonta li jwassal sas-sena 2023.

Il-Qorti qeghdha ghaldaqstant, fil-konfront tal-imputat Clive Agius, u wara li rat l-Artikolu 18, 11 u 7 tal-Kap 446, tqieghdu taht ordni ta' probation u servizz b'daqstant li tpoggih taht is-sorvelljanza ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum b'ordni li jrid jobdi kull direttiva li tinghatalu mill-istess ufficjal oltre li jaghmel servizz fil-komunita' ta' mitt siegha, fil-konfront ta' Alfred Bugeja bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqieghdu taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-tlett snin mill-lum u dan billi il-Qorti hi konvinta li ghandu jsir kollox sabiex tigi assikurata r-rjabilitazzjoni tal-imputat anka fl-interess tas-socjeta'.

Il-Qorti fehmet lil kull imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------